# Il-Knisja Parrokkjali Titulari u Matrici ta' SANTA VENERA V.M.

## IL-BINI TAL-KNISJA

Huwa fatt aċċettat mill-istudjużi kollha ta' l-istorja ta' l-arkitettura ta' Malta, li l-arkitetti tal-maġġoranza tal-bini monumentali tagħna mhumiex magħrufa. Li jista' jsir f'każ ta' bini li l-arkitett tiegħu mhux magħruf huwa biss distinzzjoni bejn l-idejat, b'hekk il-bini jkun jista' jiġi attribwit lil xi arkitett partikolari.

Il-Knisja ta' Santa Venera V.M. sfortunatament hija waħda minn dawn l-opri anonimi.



Meta tiġi biex tħares sewwa lejn il-knisja minn ġewwa ssibha interessanti ħafna. Hija forma ta' troll f'żewġ partijiet. Wieħed jifforma l-korsija u l-ieħor il-kor. Il-parti tal-kor hija differenti ħafna mill-korsija. Il-pilastri li fiha huma bil-panewijiet forsi l-arkitett li ħażżeż il-pjanti kien influwenzat mix-xogħolijiet famużi tal-magħruf arkitett Malti Ġilormu Cassar, minħabba li dan l-istil tal-pilastri kien il-favorit tiegħu. Il-prospettiva tal-kwadru titulari hija sabiħa ħafna. L-iskultura fina tagħha għadha oriġinali kif kienet eżatt meta nbniet il-knisja. Il-friz huwa dak klassiku li jibqa jdur dawra mejt mal-knisja kollha. Is-saqaf fih il-kustilji bil-panewijiet bejniethom. Fil-panewijiet tan-nofs hemm żewġ twieqi waħda tħares lejn il-lvant u l-oħra lejn il-punent.

Il-parti tal-korsija hija inqas elaborata, pilastri ma fihiex. Fuq in-naħa tal-lemin meta tħares mill-bieb ewlieni ssib l-artal tad-Duluri il-prospettiva tiegħu hija sabiħa u tistrieħ fuq żewġ pilastri. L-artal sfortunatament kien tneħħa biex jagħmel spazju, vera ħasra. L-istess nistgħu ngħidu għall-artal tal-Karmnu li jinsab faċċata tiegħu. Fuq il-ġnub taż-żewġ artali, in-naħa tal-bieb ewlieni hemm żewġ bibien, wieħed iħares lejn il-lvant u l-ieħor lejn il-punent (illum dak li jħares lejn il-lvant jinfed għall-kuritur tal-kunvent). Is-saqaf fih il-kustilji bħal dak tal-kor u fih erba' twieqi, tnejn fuq kull naħa. Fid-daħla tal-bieb li jinfed għall-kuvent insibu n-niċċa tad-Duluri u faċċata tagħha t-taraġ maqtugħ fil-wisgħa tal-ħajt li jagħti għall-gallarija ta' l-Orgni.

Il-gallerija ta' l-orgni qegħda tistrieħ fuq erba' pilastri li bejniethom hemm tlett arkati. Taħt il-gallerija hemm tlett niċċeċ tal-vara titulari Santa Venera, San Ġużepp u Santa Tereża. Ġo niċċa oħra ssib il-fonti tal-Magħmudija.

## Il-Knisja minn Barra

Il-Knisja minn barra hija sabiħa ħafna u għadha fi stat perfett kif kienet meta inbniet fis-sena 1688. Xi wħud isostnu li l-Knisja kien fiha kampnar ieħor ma' dak li għandha. Jingħad li dan iġġarraf b'terremot li kien laqgħat lil Malta fis-sena 1693.

Fil-faċċata insibu t-tieqa tonda komuni ħafna fil-knejjes qodma Maltin u ġeneralment akumpanjata minn żewġ niċeċ jew aktar. Fil-każ tal-Knisja tagħna insibu tnejn biss. Il-bieb ewlieni jħares lejn Nofsinhar u għandu pilastru fuq kull naħa u fuqhom jistrieħ fontispizju żgħir. Il-faċċata maqsuma fi tlett panewijiet bejn erba' pilastri. Fuq dawn il-pilastri jistrìeħ il-fontispizju tal-Knisja. Fuq il-ġenb in-naħa tax-xellug meta tħares lejn il-Knisja hemm il-kampnar li huwa uniku għal forma tiegħu f'Malta. Fih insibu tlett qniepen.

Din fi ftit kliem hija l-Knisja l-qadima ta' Santa Venera Verġni u Martri. Il-Vendriżi għandhom ikunu kburin b'dan it-tempju storiku li r-raħal tagħna għandu.

VIVA SANTA VENERA VERĠNI U MARTRI.

# OPRI FIL-KNISJA

## IL-Kwadru titulari Santa Venera fil-Priedka

Dan il-kwadru tassew sabiħ juri lill-qaddisa tagħmel il-priedki tagħha l-figura hija ċentrali ħafna u ħarstek tmur dritt fuqha. Fuq l-isfond tidher il-Madonna bil-Bambin u n-naħa l-oħra tidher qaddisa li skond it-tradizzjoni hija Sant'Anna. Dawn it-tlett figuri jinsabu inkurunati b'kuruna tal-fidda, r-raġuni ta' dan ħadd ma jafha. Fl-isfond ta' isfel tidher qaddisa oħra li x'aktarx hija Santa Agata li qegħda tgħallem lin-nies. Sfortuna li l-pittur ta' dan il-kwadru mhux magħruf allavolja hawn min jatribwieh lill-famuż Mattia Preti.

## Il-martirju ta' Santa Venera

Dan il-kwadru forma ta' nofs tond bla dubbju hu xogħol Mattia Preti. Fih jidher il-minigold li tista' tgħid jidher fil-biċċa l-kbira tal-pittura ta' dan il-pittur. Id-data ta' meta tpitter dan il-kwadru ma nafuhiex. Li nafu huwa li kien sarlu xi restawr għall-ħabta tas-sena 1700 li ma sarx kif suppost u irrovina l-figura għarkuptejha ta' Santa Venera.

## Id-Duluri

Dan il-kwadru jinsab fi stat ħażin ħafna u għandu bżonn restawr immedjat. Il-figuri tad-Duluri, San Ġwann, il-Maddalena u Kristu msallab juru li din il-pittura ħarġet minn id tajba. Forsi jekk jiġi rrestawrat inkunu nafu min kien l-awtur.



Il-Knisja Parrokkjali: 300 sena mit-twaqqif tagħha
1688 – 1988

### Il-Madonna tal-Karmnu

Xogħol sabiħ ta' Ġużeppi Calì (1846-1930). Dan pittru għal ħabta tas-sena 1912, is-sena li fiha wasslu l-patrijiet Karmelitani fir-raħal tagħna.

### Il-Kwadri ta' l-Eremiti

Dawn iż-żewġ kwadri huma famużi ħafna. Jingħad li kien ġabhom miegħu Patri Ġakkin Vivas li kien għamel il-Knisja tagħna eremitaġġ. Dan il-Patri kien Naplitan u x'aktarx li Patri Vivas ġabhom minn hemm.

### San Kalogero

Dan il-kwadru prezzjuż ħafna impitter fuq l-injam jinsab fi stat allarmanti u għalhekk hemm bżonn li jiġi restawrat biex ma tkomplix issirlu ħsara. Il-pittur tiegħu mhux magħruf. Mill-fdal li baqa' jidher, wieħed jista' jara li min ħadem dan il-kwadru kien ta' kapaċità kbira.

Il-Knisja ta' Santa Venera hija sinjura f'dik li hi arti, għalhekk ikun impossibbli li titkellem fuqhom kollha, però ser nagħti lista tal-pittura li tinsab f'din il-knisja: Il-Kunċizzjoni, Santa Marija, Il-Missier Etern, Il-Madonna tar-Rużarju, San Ġużepp, id-Depożizzjoni, San Mikiel u s-sett tal-Via Sagra l-antika.

## VARI

### Santa Venera V.M.

Din hija l-vara titulari tagħna. Xogħol sabiħ ħafna li saret 1919 l-awtur tagħna mhux magħruf b'ċertezza min igħid li ħadimha Karlu Darmanin, oħrajn igħidu li ħadimha Karmenu Mallia.

### San Ġużepp

Xogħol ta' Karlu Darmanin sabiħ ħafna. Dan inħadem fis-sena 1890.

### Santa Tereża

Din l-istatwa inħadmet mill-istatwarju Vendriż Carmelo Galea. Hija ġiet maħduma fuq l-inizjattiva tas-Sur Borda li kien jgħallem id-duttrina lit-tfal u kien devot ħafna tal-Qaddisa.

### Kristu Msallab

Dan il-kurċifiss antik u sabiħ jiġbed devozzjoni kbira u fil-qedem kien jitniżżel minn fuq is-salib nhar il-Ġimgħa l-Kbira u kien isir pellegrinaġġ bih.

Statwi oħra huma: Il-Qalb ta' Ġesù, Sant' Antnin ta' Padova, l-Ecce Homo, San Piju X u l-anġli tas-sepurklu.

Il-Knisja hija l-post fejn nibdew ħajjitna u fejn intemmuha. Kif minn dejjem żammejna l-Knisja b'għożża kbira għandna nibqgħu ngħożżuha sa mewtna biex bħalma gawdejnieha aħna igawduha ta' warajna.

IL-KNISJA TA' SANTA VENERA V.M. – TLETT SEKLI TA' STORJA

**tagħrif miġbur minn: Mario Coleiro.**